**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

Triq il-Kbira San Ġ uż epp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**13/18**

**Minuti tat-tlettax il-laqgħa tat-tmintax-il sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill fil-Kumpless Umberto Colosso, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Carmel Camilleri - Kunsillier
Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Assenti u Skuzat:** Cleaven Christian Bugeja – (avża b'ittre li mhux ġej minħabba xogħol u għalhekk talab li jiġi konsiderat bħala skużat)

**Assenti:** Sur Ronald Briffa – Viċi Sindku

**Aġenda:**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2. Punti mqajma mill-Minuti

3. Komunikazzjoni mis-Sindku

4. Progress PPP - 5 toroq - Msida
   Misraħ il-Barrieri
   Braille
   Misraħ Santa Venera
   Lunzjata

5. Skeda Pagamenti
   Skeda *Petty Cash*
   Skeda Riċevuti

6. Financial Statements Lulju sa Settembru 2011

7. Aġġornament

**Bidu tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1 0 Qari u approvazzjoni tal-minuti**
**6/18 29/8/2011, 7/18 29/8/2011, 8/18 27/9/2011, 9/18 27/9/2011, 10/18 27/9/2011**

**1 1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija.**

**1 2 Osservazjoni – Minuti tal Laqgħa numru 6/18 – ta' 29/8/2011**
**Tema – Ftuħ tal-laqgħa – Kumitat magħżul dwar l-aġġudikazjoni tat-*tenders*.**

Is-Sur Stephen Sultana għamel osservazjoni fejn qal li huwa ma kienx ġie infurmat li kien inħatar board għal aġġudikazjoni ta' dawn it-tenders. Is-Sindku sostna li kull min kien preżenti għal-Laqgħa kulħadd kien imgħarraf.

Il-minuti tal-laqgħa numru 6/18 tad 29.8.2011 ġew approvati nem con.

**1 3 Affarjiet li tqajmu mill-minuti tal-laqgħa numru 6/18 tad 29.8.2011**

**1 4 Tema numru 5 – Offerta tal-Perit Stephen Farrugia OBO Malta Planning & Design Consultants Ltd MP & DC**

Is-Sur Stephen Sultana staqsa x'kienet ir-raġuni li kien intagħżel Perit li l-offerta tiegħu kienet aktar minn tal-Perit S. Farrugia.

Is-Sindku wieġeb li kien qed ikun hemm xi diffikultajiet mal-Perit S. Farrugia u għalhekk ma kienx ikun għaqli għal Kunsill li jerġa jaħtar lill-istess Perit. Is-Sindku żied igħid li ma kienetx l-ewwel darba li l-istess Sur Stephen Sultana ilmenta dwar il-Perit S. Farrugia.

**1 5 Tema 6 *Northern Cleaning Group Ltd***

Is-Sur Stephen Sultana staqsa dwar meta ittieħdet id-deċiżjoni li jitneħħew il-*bins on wheels* dwar skart domestiku mħallat.

Is-Sur Stephen Sultana qal li fil-fehma tiegħu li meta l-Kunsill sejjer ineħħi dawn il-*bins on wheels* minn Santa Venera sejjer ikun hemm riperkussjonijiet ħżiena.

Is-Sur Stephen Sultana qal li xtaq jagħmilha ċara li kien qed jiddissassoċja ruħu minn ma' din id-deċizjoni.

Is-Sur Stephen Sultana qal ukoll illi l-kuntratt dwar il-ġbir ta' skart domestiku mħallat qatt ma ġie diskuss mill-Kunsill.

Is-Sindku wieġeb li qatt ma kien hemm talba minn xi kunsillier dwar li l-kuntratt jiġi quddiem il-Kunsill.

**Qari u approvazzjoni ta' minuti tal-Laqgħa 7/18 29.8.2011**

Din il-laqgħa ma saritx peress li ma kienx hemm kworum u l-minuta dwar dan ġiet approvata *nem con*.

**Qari u approvazjoni ta minuti tal-Laqgħa 8/18 – 27 ta' Settembru 2011**

Ġie osservat li l-Laqgħa intemmet għas 5.50 ta' filgħaxija

Il-minuti ġew approvati *nem con*.

**Qari u approvazjoni ta' minuti tal-Laqgħa 9/18 tas-27 ta' Settembru, 2011**

Dawn il-minuti ġew approvati *nem con*.

**Affarjiet li tqajmu mill-minuti**

**Tema Dwar li l-Kunsill kien ukoll biddel il-ħin dwar l-iskart**

Is-Sur Stephen Sultana qal li kien ivvota kontra peress li fil-fehma tiegħu l-Kunsill kien qed jisfida d-deċizjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-laqgħa tat-13 ta' Ġunju, 2011 hija nulla u nvalida.

Is-Sindku talab għall-attenzjoni tal-Kunsillieri preżenti u stqarr li tant ħassejna li din il-laqgħa ma kienetx nulla li saħansitra qabbadna l-avukat u, li jidher li tana raġun fl-interpretazjoni tal-Kunsill u anke kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u, l-Kunsill talab sabiex din il-kwistjoni tersaq quddiem l-Avukat tar-Repubblika għad-deċizjoni finali tiegħu.

**Qari u approvazjoni ta' minuti tal-Laqgħa 10/18 tas-27 ta' Settembru, 2011**

Dawn il-minuti ġew approvati *nem con*.

**Affarjiet li tqajmu mill-minuti**

**Tema 2 Segretarju Eżekuttiv *full time***

Is-Sur Stephen Sultana qal li meta jkun hemm Bord tal-Għażla huwa xtaq li jkun jifforma parti minn dan il-Bord tal-Għażla.
Is-Sindku kompla li kull min ikun preżenti fil-laqgħa u jaċċetta li jkun parti mill-Bord indikat kulħadd ikun eliġibbli li jieħu sehem f'dan il-Bord.

Is-Sindku kompla li l-Kunsill ilu ħafna, anzi aktar minn sena sabiex ikun hemm Segretarju Eżekuttiv *full time*. Is-Sindku qal li saħansitra talab sabiex jintgħażel mill-Ministeru.

Is-Sindku qal li, wara l-intervista mill-lista li ngħata lill-Kunsill mid-Dipt. tal-Gvern Lokali għandu lista ta' *short listing* u li din tista tiġi wżata sabiex issir il-għażla finali.

Saret diskusjoni u ġie deċiż li l-Kunsill jibqa' jistenna d-deċizjoni tal-Avukat tar-Repubblika dwar il-validita tal-Laqgħa tat-13 ta' Ġunju, 2011 qabel li jittieħed xi pass ieħor dwar l-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv għall Kunsill ta' Santa Venera.

**Tema – Pagament tal-onorarja lill-Kunsilleri**

Is-Sur Stpehen Sultana qal li xtaq jara l-liġi dwar l-onorarja u attendenza tal-Kunsillieri.

Is-Sindku sostna li mexa skont il-memo li bagħat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan is-suġġett.

Is-Sur Stephen Sultana insista li l-attendenza li pprepara s-Sindku u li fuqha nħadmet l-onorarja rispettiva tal-Kunsillieri għandha tinbidel.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li dan is-suġġett kien quddiem il-Bord ta Governanza u li hu kien diġa wieġeb dwar dan quddiem l-istess Bord iżda ma hemmx deċizjoni.

**Tema Ftuħ u għeluq tal-latrina fi Triq il-Kbira San Ġużepp**

Is-Sur Stephen Sultana staqsa għalfejn din il-latrina kienet qed tingħalaq kmieni.

Is-Sindku wieġeb li din il-latrina qegħda tkun miftuħa għal mhux anqas minn 8 sigħat kuljum u li ġieli damet anke ħafna aktar.

**Ftuħ u għeluq ta' Ġnien Romeo Romano**

Is-Sur Stephen Sultana staqsa x'ħin kien qed jingħalaq dan il-Ġnien.

Is-Sindku wieġeb li dan il-ġnien qed jingħalaq fil-5 ta' filgħaxija sabiex jinqataw l-abbużi fid-dlam.

Is-Sur Stephen Sultana staqsa x'kienu dawn l-abbużi?

Is-Sindku qal li kien hemm tkissir ta' lampi, ħġieġ u *perspex* tal-fanali u,  wara li l-Kunsill reġa' xtara l-perspex reġa sar l-vandaliżmu. Għal ħin tal-5 ta' filgħaxija qed ikun hemm xi ġuvnotti bir-roti li dwarhom, ll-Kunsill għamel diversi rapporti lill-Pulizija.

Is-Sindku fakkar li meta tkisser l-aħħar monument tal-ġnien, diversi Kunsillieri marru hemm u saru jafu min kienu li kissruh iżda l-Pulizija lilu biss ħarrket. Is-Sindku kompla jistqarr li ttela' l-Qorti u ma ħax is-sodisfazzjon u talab lill-Kummissarju biex jappella mis-Sentenza għax l-Ispettur Ramon Mercieca ma tax l-akkuża proprja; lanqas kien jaf li tkissru id-dirgħajn u l-irjus taż-żewġ żgħażagħ iżda, mingħalih li tkissret biss il-plattin ta' fuq.

Is-Sur Stephen Sultana wieġeb li ma kienx qed jaqbel li l-Ġnien Romeo Romano jingħalaq fil-5 ta' filgħaxija.

**Tema: Staff tal-Kunsill – Sinj. Maria Aquilina**

Is-Sur Stephen Sultana staqsa x'wassal għar-riżenja tas-Sinjorina Maria Aquilina.

Is-Sindku wieġeb illi sejjer jitkellem dwar dan fi stadju ieħor ta' din il-laqgħa.

**Tema: Bini alternattiv tal-Kunsill Lokali Santa Venera**

Is-Sur Stephen Sultana ġibed l-attenzjoni li sema' li l-Gvern sejjer jagħmel Day Centre ġewwa Santa Venera.

F'dan ir-rigward l-Kunsill għandu jistaqsi dwar il-pjani li għandu l-Gvern Ċentrali u jekk hux veru li hemm applikazjoni mal-MEPA dwar id-Day Centre.

L-Aġent Segretarju għandu jikteb lid-Dipartiment.

**Komunikazjoni mis-Sindku**

**(i) Misraħ Santa Venera -**

Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu parti minn Misraħ Santa Venera tista' issir żona pedonali.

Is-Sindku qal li l-perit għandu jitlob sabiex isir tisbiħ u jiġi rranġat l-ipparkjar.

Dan il-proġett jista juża ukoll il-fondi tal UIF u nistgħu nitolbu wkoll, lill-Awtorita' Tad-Djar sabiex iġġib il-quddiem id-data u twettiq maħsub li jsir bejn il-Kunsill u l-Awtorita' tad-Djar għall tisbiħ u riġenerazjoni fil-Qasam tad-Djar li jinsab fil-viċinanza.

**Riċeviment għall-Għoti ta Ġieħ Santa Venera 2011**

Is-Sindku għamel referenza għall Memo tad-Dipartiment tal Gvern Lokali dwar l-infieq annwali dwar il-festini tal-Kunsill u qal li f'dan ir-rigward kien għad fadal bilanċ posittiv u għalhekk setgħa jsir dan il-festin.

F'dan ir-rigward il-Kunsill talab u kiseb dawn il-kwotazjonijiet:

| | |
|---|---|
| James Catering | €1048.06 |
| Maypole Catering | €1266 |
| Paparukei | €1205.37 |
| Pinto Catering | €944 |

Il-Kunsill qabel li jmur għall irħas wieħed u għalhekk għażel l-offerta kwotazjoni ta Pinto Catering Ltd għas-somma ta €944.

**Għoti ta Ġieħ Santa Venera 2011**

Is-Sindku spjega li wara sejħa bil-miktub li tqasmet mar-residenti kollha ta Santa Venera, sad-data li għalqu n-nominazjonijiet il-Kunsill kien irċieva erba (4) nominazjonijiet li huma

(1) Kumitat Festi Esterni

(2) Mrs Angela Hili
(3) Sur Alfred Cachia
(4) Sur Mario Coleiro

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-korrispondenza li turi l-meriti ta' kull nominazjoni.

Saret votazjoni sigrieta qalb il-membri kollha tal-Kunsill li kienu preżenti għal din il-laqgħa.

Ir-Riżultat kien dan: (1) Mrs Angela Hili 3 voti
Mr Alfred Cachia vot 1
Mr Mario Coleiro vot 1

L-Kumitat Festi Esterni ma kisbu l-ebda vot.

Il-Kunsill għalhekk iddeċieda li Ġieħ Santa Venera għas-Sena 2011 għandu jingħata lis-Sinjura Angela Hili.

Il-Kunsill feraħ lis-Sinjura Angela Hili għall-għoti ta dan il-Ġieħ prestiġjuż.

Proġett PPP – 5 toroq – Msida
Misraħ il-Barrieri
Triq Braille
Misraħ Santa Venera
Triq il-Lunzjata

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadu jistenna l-approvazjoni tad-Dipartiment tal Gvern Lokali tad-Dipartiment tal Gvern Lokali dwar il-pagamenti proposti mis-Central Asphalt Limited li huma

1. Meta jitlesta x-xogħol ta' kull triq il-Kunsill iħallas lill kuntrattur 40 % tal-kont finali kif ikun iċċertifikat mill Perit tal-Kunsill.

2. Sena wara tkomplija l-Kunsill iħallas 20%

3. Fl-aħħar tat-tieni sena mit-tkomplija l-Kunsill iħallas 20%

4. Fl-aħħar tat-tielet sena mit-tkomplija l-Kunsill iħallas s-somma finali ta 20%

Is-Sindku qal li l-kuntrattur Central Asphalt Limited lest li jibda x-xogħol sa nofs Jannar 2012.

F'dan l-istadju qam il-punt dwar is-servizzi tal-ilma u dwar dak li qed titlob l-*Water Services Corporation*.

Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill għamel dak kollu li seta' dwar dan jidher biċ-ċar li l-Kunsill ma għandux għażla ħlief li jara kif jimmitiga dwar l-impatt finanzjarju ta' dak li qed titlob l-WSC.

Ġie diskuss il-punt lix-xogħol t'asfaltar mhux sejjer ikun ta' ftit tqaxxir fil-wiċċ u imbagħad jerġa jingħata kisja tarmac.

**Aġġornament**

Peress li kien sar il-ħin il-laqgħa spiċċat fid 9 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 30 ta' Novembru, 2011 fis-6 ta' filgħaxija sabiex tkompli fuq l-aġenda li diġa ġiet iċċirkulata.

Louise Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku